12. “IL-MISSJONI TIEGHI TKOMPLI WARA MEWTI.



Il-missjoni profetika ta’ Swor Fawstina nhbiet waqt li hija kienet hajja. Hadd ma kien jaf biha hlief Fr Michał Sopoćko, Fr. Józef Andrasz u xi ftit mis-superjuri taghha. Wara mewtha, meta faqqet it-Tieni Gwerra Dinjija, Fr. Sopoćko l-konfessur taghha gewwa Vilnius, gharraf l-isem tal-persuna li bdiet id-devozzjoni lejn il-Hniena Divina li kienet qed tinxtered. Hekk ghamlet il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet tas-Sinjura tal-Hniena. Il-Madre Generali Michaela Moraczewska zaret il-kunventi kollha tal-Kongregazzjoni u tkellmet fuq il-missjoni li ghaliha Alla kien ghazel lil Swor Fawstina. Wara l-mewt ta’ Swor Fawstina, il-Madre kitbet li dak li l-aktar impressjonaha u ghadu hekk sal-lum, bhala fenomenu straordinarju, specjalment fl-ahhar xhur tal-marda taghha, kien li Swor Fawstina tinheba’ totalment biex tinxtered il-qima lejn il-Hniena Divina. Hija qatt ma wriet li kellha xi dubju fuq l-awtenticita’ tal-missjoni taghha u anqas biza’ mill-mewt. Swor Fawstina kienet mohha

biss li d-devozzjoni lejn il-Hniena Divina iddur ma’ l-erbat irjieh tad-dinja.

Matul is-snin tal-gwerra, id-devozzjoni lejn il-Hniena Divina xterdet b’heffa kbira, u gabet tama u ragg ta’ dawl f’dawk id-dlamijiet. Hekk kif din id-devozzjoni saret aktar maghrufa, ix-xewqa biex tigi dikjarata qaddisa Swor Fawstina kibret ukoll.

Il-pellegrini bdew jingabru fuq qabarha gewwa l-kunvent ta’ Łagiewniki u jitolbu l-intercessjoni taghha. Fil-kappella tal-kunvent Fr Andras qieghed ix-xbiha ta’ Gesu’ tal-Hniena Divina impitter skont l-istruzzjonijiwet ta’ Swor Fawstina u beda’ ukoll servizzi specjali f’gieh il-Hniena Divina. Ghalihom kienu jattendu follol kbar mill-belt ta’ Krakovja u l-inhawi taghha. Wiehed minn dawn il-pellegrini kien Karol Wojtyla, haddiem zaghzugh fil-barriera ta’ Solvay li kienet qrib il-kunvent u li kien diga’ familjari ma’ din id-devozzjoni tal-Hniena Divina fil-forom dettati mis-soru. Wara l-ordinazzjoni tieghu kien jorganizza servizzi f’gieh il-Hniena Divina f’din il-kappella kull tielet Hadd tax-xahar.

Fis-sena 1965 bhala isqof ta’ Krakovja huwa beda’ il-process djocesan biex jgholli ghall-glorja ta’ l-artali, lil din is-soru. Din il-haga kien jehtigilha kuragg kbir billi sa mis-sena 1959 kien hemm ordni mis-Santa Sede li tipprojbixxi t-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Hniena Divina fil-forom preskritti minn Swor Fawstina. Din l-ordni harget minhabba xi zbalji ta’ traduzzjoni tad-djarju taghha li rrizultaw f’forom mhux konformi mal-forom l-ohra ta’ qima. Taht il-kommunizmu il-kuntatt bejn is-Santa Sede u l-Polonja ma kienx haga hafifa u ghalhekk kien difficli li tikkontesta l-oggezzjonijiet tas-Santa Sede dwar il-kitbiet ta’ Swor Fawstina u l-forom ta’ qima.

Dan il-periodu li kienet habbret Swor Fawstina kien iz-zmien li fih kellhom jigu analizati teologikalment il-kitbiet taghha u t-thejjijiet biex

il-prattika tad-devozzjoni titqieghed fuq  bazi soda. Kien il-Kardinal Karol Wojtyla li beda’ il-process tal-beatifikazzjoni taghha u minghajr telf ta’ zmien baghat id-dokumentazzjoni kollha mehtiega lill-Kongregazzjoni tal-Qaddisin gewwa Ruma. Din studjat l-virtuijiet erojci taghha u aktar tard il-miraklu bl-intercessjoni ta’ Swor Fawstina lil Mrs Maureen Digan fl-Istati Uniti.

Fil-Hadd tal-Hniena Divina, 18 ta’ April tas-sena 1993 il-Papa Gwann Pawlu II iddikjaraha beata. Fakkar lill-folla li kellu quddiem fil-kliem ta’ Swor Fawstina li l-missjoni taghha ma kellhiex tintemm wara mewtha, imma kien il-hin li fih tibda’. Il-Papa osserva li dak ezattament  gara. Il-missjoni ta’ Swor Fawstina tkompli u qed iggib bosta frott. Il-Hniena Divina qed tigri mad-dinja kollha u iggib frott ta’ l-ghageb ghax qed tirbah hafna erwieh. “Fejn,” kompla l-Papa, “ issib is-salvazzjoni u ragg ta’ tama jekk mhux fil-Hniena Divina?”

Is-Santa Sede ezaminat il-miraklu li kien imiss biex tkun dikjarata qaddisa. Kien il-fejqan mirakoluz ta Fr Ronald Pytel minn Baltimore minn marda nkurabbli tal-qalb. Il-Papa Gwann Pawlu II iddikjaraha qaddisa fil-Festa tal-Hniena Divina, fis-sena 2000, 30 ta’ April quddiem folla kbira ta’ Pellegrini, sacerdoti u isqfijiet u bis-sahha tat-Televizzjoni din ic-ceremonja seta’ jsegwiha kulhadd.

Din il-grajja kienet deskritta ghexiren ta’ snin qabel minn Swor Fawstina nnifisha:

*F’daqqa waħda, il-preżenza ta’ Alla qabditni u f’nifs rajt lili nnifsi f’Ruma, fil-kappella tal-Papa u fl-istess waqt kont ninsab fil-kappella tagħna. U ċ-ċelebrazzjoni tal-Papa u tal-Knisja kollha kellha x’taqsam mill-qrib mal-kappella tagħna u, b’mod speċjali ħafna, mal-Kongregazzjoni tagħna. U jiena ħadt sehem fiċ-ċelebrazzjoni solenni fl-istess waqt hawnhekk u f’Ruma, għax iċ-ċelebrazzjoni tant kellha*

*x'taqsam mill-qrib ma' Ruma li wkoll waqt li qiegħda nikteb ma nistax niddistingwi waħda mill-oħra imma qiegħda niktibha bħalma rajtha. Rajt lill-Mulej Ġesu' fil-kappella tagħna, espost fl-ostensorju fuq l-altar maġġur. Il-kappella kienet imżejna bħallikieku għall-festa' u dakinhar kull min ried jiġi seta' jidħol. (nota182)* Tant kienet enormi l-folla li l-għajn ma setgħetx tara kollox f'daqqa. *Kulħadd kien qed jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet b'ferħ kbir, u ħafna minnhom akkwistaw dak li xtaqu. L-istess ċelebrazzjoni kienet qiegħda ssir ġewwa Ruma fi knisja sabiħa u l-Qdusija Tiegħu l-Papa, flimkien mal-kleru, kien qed jiċċelebra din il-Festa, u mbagħad f'daqqa waħda rajt lil San Pietru, li kien qiegħed bejn l-altar u l-Papa. Ma stajtx nisma' x'kien qed jgħid San Pietru imma stajt nara li l-Papa kien qed jifhem kliemu … (djarju 1044)*

Waqt ic-ceremonja li nzammet fis-sena tal-Gublew, il-Papa waqqaf il-festa tal-Hniena Divina biex il-knisja kollha tharisha u ghaddha lid-dinja l-messagg tal-Hniena Divina. "Jiena nghaddiha lil gnus kollha sabiex jitghallmu jaraw il-veru wicc ta' Alla u l-veru wicc ta' l-ahwa bnedmin," qal il-Papa.

Sentejn wara huwa ghamel it-tieni pellegrinagg bhala Papa ghas-santwarju ta' Łagiewniki u fil-knisja bazilka li kien ghadu kemm ikkonsagra qieghed it-tama tad-dinja fil-Hniena Divina ta' Alla. Ried li l-messagg tal-Hniena Divina jghaddi minn Łagiewniki ghall-Polonja kollha u jasal sa truf l-art kollha. Ried li l-imhabba ta' Kristu tkun dik ix-xrara li thejji d-dinja ghall-migja finali tal-Mulej tohrog minn hawn.. *Kif kont qiegħda nitlob għall-Polonja, smajt dan il-kliem: Jiena għandi mħabba speċjali għall-Polonja, u jekk hi tkun ubbidjenti għar-rieda Tiegħi, jiena ngħolliha fil-qawwa u fil-qdusija. Minnha għad toħroġ il-ġamra li għad tħejji d-dinja għall-aħħar miġja Tiegħi.(djarju 1732)*

Huwa talab lin-nies biex jixghelu dik ix-xrara tal-grazzja ta’ Alla u jxerrdu in-nar ta’ l-Hniena mad-dinja. Ghaliex huwa bis-sahha tal-Hniena Divina li d-dinja tista’ issib il-paci u iggib il-ferhi l-paci  fost il-bnedmin.



Illum tista’ tghid li ma hemm ebda art fid-dinja li ma ghandiex l-immagini tal-Hniena Divina.

Il-missjoni ta’ Swor Fawstina certament ma ntemmitx meta mietet. Hija ghadha tikkontinwa u ggib hafna u hafna frott ta’ l-ghageb.